# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

# IMĦALLEF

# ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM it-Tlieta, 12 ta' Diċembru, 2017**

**Kawża Nru. 8**

**Rik. Nru. 536/12JRM**

Yanika **BUĠEJA**

vs

Joanne **FRENDO**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fid-29 ta' Mejju, 2012, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-attriċi titlob li din il-Qorti (i) issib li l-imħarrka waħedha taħti għall-inċident li ġara nhar il-5 ta' Mejju, 2012, fi Triq Sant' Anna, il-Furjana, għall-ħabta tas-12.45 ta' wara nofsinhar, meta sfat imtajra mill-imħarrka hija u taqsam l-imsemmija triq, waqt li l-imħarrka kienet qiegħda ssuq il-karozza tal-għamla *Peugeot 107* reġistrata bin-numru JNF-612; (ii) tillikwida d-danni mġarrba minnha fl-imsemmi inċident, jekk meħtieġ billi taħtar perit għal dan il-għan; u (iii) tikkundanna lill-imħarrka tħallas id-danni hekk likwidati. Talbet ukoll l-ispejjeż u l-imgħaxijiet;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tal-5 ta' Ġunju, 2012[1], li bih ordnat in-notifika lill-imħarrka u tat direttivi lill-partijiet dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tagħhom;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa fit-18 ta' Settembru, 2012, li biha l-imħarrka laqgħet għall-azzjoni attriċi billi ċaħdet kull responsabbilita' għal dak li ġara. Hija titlob li l-attriċi ġġib l-aħjar prova fir-rigward tad-danni pretizi minnha;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tat-23 ta' Ottubru, 2012[2], li bih ħatret lill-kirurgu ortopediku Massimo Abela bħala espert mediku biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tat-talbiet attriċi;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tat-3 ta' Diċembru, 2012[3], li bih u fuq talba magħmula mill-attriċi b'rikors tagħha tas-26 ta' Ottubru, 2012, ħatret lill-kirurgu Charles Swain bħala espert mediku dwar l-aspett estetiku tad-dannu pretiż mill-attriċi;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tat-8 ta' Mejju, 2013[4], li bih ħatret lill-Avukat Yvette Cassar bħala Assistent Ġudizzjarju sabiex tiġbor ix-xhieda tal-partijiet;

Rat ir-rapport tal-perit mediku Massimo Abela tat-2 ta' Novembru, 2012[5], maħluf kif imiss quddiem ir-Registratur tal-Qorti nhar is-7 ta' Novembru, 2012;

Rat ir-rapport tal-perit mediku Charles Swain[6], maħluf kif imiss quddiem ir-Reġistratur tal-Qorti nhar it-8 ta' April, 2013;

Rat li b'ordni ta' surroga tal-24 ta' Jannar, 2014[7], li bih din il-kawża kienet assenjata lil din il-Qorti kif issa presjeduta;

Rat id-degriet tagħha tal-20 ta' Ottubru, 2015[8], li bih ħatret lill-Avukat Maria Dolores Gauċi, bħala Assistent Ġudizzjarju sostitut sabiex tkompli tiġbor ix-xhieda tal-partijiet, wara li l-Assistent Ġudizzjarju ta' qabel temmet il-ħatra tagħha;

Rat ix-xhieda mressqa mill-partijiet quddiem l-Assistent Ġudizzjarju;

[1] Paġ. 14 tal-proċess
[2] Paġ. 39 tal-proċess
[3] Paġ. 43 tal-proċess
[4] Paġ. 81 tal-proċess
[5] Paġġ. 55 – 8 tal-proċess
[6] Paġġ. 74 – 9 tal-proċess
[7] Paġġ. 94 – 5 tal-proċess
[8] Paġ. 152 tal-proċess

Rat il-verbal tas-seduta miżmuma mill-Assistent Ġudizzjaru fit-8 ta' Ġunju, 2016[9], li bih il-partijiet qablu dwar iż-żmien sabiex li kienu jeħtieġu biex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-attriċi fil-25 ta' Novembru, 2016[10];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrka fil-31 ta' Jannar, 2017[11], bi tweġiba għal dik tal-attriċi;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti tagħha tad-9 ta' Frar, 2017[12], li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkonsidrat:***

Illi din hija azzjoni ta' danni wara li l-attriċi ttajret minn karozza hija w taqsam triq. L-attriċi kienet qegħda taqsam Triq Sant Anna, il-Furjana, meta ntlaqtet minn karozza misjuqa mill-imħarrka. L-attriċi qed titlob li l-Qorti ssib li l-imħarrka kienet waħedha taħti għall-inċident u biex tordnalha tagħmel tajjeb għad-danni mġarrba minnha minħabba ġrieħi li kellha, liema ġrieħi huma tali li ma jgħaddux;

Illi l-imħarrka, min-naħa l-oħra, tilqa' billi tgħid li ma taħti xejn għal dak li ġarrbet l-attriċi u li, f'kull każ, l-attriċi trid tipprova li tassew ġarrbet ġrieħi li ma jfiqux minħabba l-inċident;

Illi bħala fatti relevanti li joħorġu mill-atti ta' din il-kawża jirriżulta li nhar il-5 ta' Mejju, 2012, għall-ħabta tan-nofs siegħa ta' wara nofsinhar (12.30), l-attriċi kienet qiegħda taqsam Triq Sant'Anna, fil-Furjana, fil-kumpannija ta' kuġintha Martina Aġius. Hija u taqsam intlaqtet u ttajret minn karozza tal-għamla *Peugeot 107* bin-numru tar-reġistrazzjoni JNF 612, misjuqa mill-imħarrka. Mad-daqqa, l-attriċi ntilfet minn sensiha: hija ġarrbet ksur fil-*pelvis* u qatgħa fuq il-kappell tal-għajn il-leminija. Damet l-Isptar għal ġimgħa[13] u daħlet lura għax-xogħol madwar erba' (4) xhur wara l-inċident, wara li għamlet xi seba' (7)

[9] Paġ. 208 tal-proċess
[10] Paġġ. 211-226 tal-proċess
[11] Paġġ. 236-255 tal-proċess
[12] Paġ. 258 tal-proċess
[13] Dok "B", f'paġġ. 11 – 2 tal-proċess

ġimgħat timxi bl-għajnuna tal-krozzi. Dak iż-żmien kienet taħdem bħala *operator* f'fabbrika[14];

Illi l-attriċi tgħid li kienet qiegħda taqsam minn fuq l-istrixxa fejn hemm id-dwal tat-traffiku ta' ħdejn il-loġoġ fi Triq Sant'Anna, quddiem il-każin tal-Partit Laburista, fi ħsiebha li tmur għan-naħa l-oħra tat-triq biex tidħol fil-parti l-oħra ta' Triq il-Miratur, lejn id-direzzjoni tal-knisja tal-Floriana. Hija tgħid li bdiet taqsam meta d-dwal għaliha kienu tal-lewn aħdar. Tgħid li karozza tal-linja li kienet viċin tagħha waqfet mad-dwal u x-xufier għamlilha sinjal biex tgħaddi u hi hekk għamlet u magħha bdiet taqsam ukoll kuġintha. Wara li għaddiet minn quddiem il-karozza tal-linja, ma tiftakar xejn aktar x'ġara. Fil-fatt, meta ġiet lura f'sensiha, l-attriċi sabet ruħha l-isptar midruba bi ġrieħi ta' natura gravi[15];

Illi Martina Aġius tghid li kuġintha l-attriċi kienet miexja qabilha u hi baqgħet lura għaliex fil-ħin meta nqaleb id-dawl għal fuq dak tal-lewn aħdar, hija kienet baxxuta taqfel il-lazz tal-papoċċ li kien inħallilha. Tgħid ukoll li x-xufier tal-karozza tal-linja għamlilhom sinjal biex jieqfu, li hi sejħet lill-attriċi, iżda li l-attriċi ma semgħethiex. Tgħid li l-attriċi kellha l-*mobile phone* f'idha iżda ma kinetx qed tużah dak il-ħin[16];

Illi, min-naħa l-oħra, l-imħarrka tgħid li waqt li kienet qed issuq il-karozza fi Triq Sant'Anna, ħarġet tfajla minn wara karozza tal-linja li waqfet fuq *Bus Stop* fejn il-loġoġ. Fi kliem l-imħarrka, l-attriċi ma qasmetx minn fuq l-istrixxa pedonali. Tgħid li meta tajret lill-attriċi kienet diġa' qabżet id-dwal tat-traffiku li f'dak il-ħin kienu ħodor għas-sewwieqa. Tgħid ukoll li l-attriċi kienet miexja u titkellem fuq il-*mobile*[17];

Illi jirriżulta li fuq is-sit tal-inċident, il-pulizija ħadet stqarrija ta' żewġ persuni[18]: Carmel Merċieca (li kien ġo stabbiliment fil-ħin tal-ħabta) li jgħid li meta sema' l-ħoss tad-daqqa, kien ġewwa każin u kif ħareġ ra li d-dawl tat-traffiku kienu ħomor. Min-naħa l-oħra, Charles Xerri jgħid li ra żewġ tfajliet. L-attriċi qasmet eżatt minn Triq il-Miratur, filwaqt li t-tfajla l-oħra ma qasmetx. Jgħid ukoll li x-xufier tal-karozza tal-linja waqfilhom biex jaqsmu, u li ma jiftakarx x'kulur kien id-dwal tat-traffiku. Quddiem il-Qorti, ix-xhud Xerri jgħid li d-dwal kienu ħodor għal min kien ser jaqsam it-triq, u li l-imħarrka kienet qed issuq il-karozza tagħha mhux b'veloċita eċċessiva[19];

[14] Xhieda tagħha f'paġ. 181 tal-proċess
[15] Ara l-affidavit ta' l-attriċi f'paġ. 61 tal-proċess.
[16] Ara x-xhieda ta' Martina Agius f'paġġ. 83 – 5 tal-proċess
[17] Ara l-verżjoni tal-fatti moghtija mill-imħarrka lill-pulizija f'paġ. 111 u paġ. 115 tal-proċess. Ara wkoll l-affidavit ta' l-imħarrka mmarkat bħala dok. "JF" f'paġġ. 160 – 1 tal-proċess
[18] Ara Dok. "RP1" f'paġ. 117 tal-proċess
[19] Ara x-xhieda ta' Charles Xerri f'paġġ. 174 – 5 tal-proċess. Ara wkoll Dok. "RP1" f'paġ. 117 tal-proċess

Illi x-xufier tal-karozza tal-linja li ttella' jixhed fil-kawża, ma jiftakar xejn mill-inċident[20];

Illi l-attriċi fetħet din il-kawża fid-29 ta' Mejju, 2012;

Illi l-pulizija fetħu proċeduri kriminali kontra l-imħarrka u xlewha b'sewqan traskurat u li kkaġunat ġrieħi ta' natura gravi fuq il-persuna tal-attriċi. B'sentenza tal-4 ta' Ġunju, 2013, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabet lill-imħarrka mhux ħatja għall-akkużi li nġabu kontriha fuq nuqqas ta' provi, u għaldaqstant illiberatha minnhom[21];

Illi l-esperti mediċi li tqabbdu mill-Qorti waslu għall-fehma li l-attriċi tassew qiegħda tbati minn debilita' u li din mhix sejra tgħaddi maż-żmien. Filwaqt li l-espert mediku ortopediku kien tal-fehma li l-attriċi għandha debilita' li ma tgħaddix ta' erbgħa fil-mija (4%) mil-lat ortopediku[22]; filwaqt li l-espert mediku l-ieħor jgħid li, minħabba li baqa' jidher il-merk fuq il-kappell tal-għajn il-leminija tagħha, id-diżabilita' tagħha kienet fil-grad ta' ħamsa fil-mija (5%)[23]. Dakinhar tal-inċident l-attriċi kienet se tagħlaq tnejn u għoxrin (22) sena;

Illi l-Qorti sejra tgħaddi biex tagħmel il-<u>konsiderazzjonijiet ta' natura legali</u> marbutin mal-każ. Il-Qorti trid tistħarreġ dwar min kien ħati tal-inċident li fih korriet l-attriċi u dan fid-dawl tal-eċċezzjoni mressqa mill-imħarrka, dik fejn tgħid li mhix responsabbli għall-inċident;

Illi dwar **ir-responsabbilita' ta' min jaħti għall-inċident**, irid jingħad qabel kull ħaġa oħra li hija regola ġenerali li kull sewwieq huwa mistenni li jħares żewġ regoli ewlenin, jiġifieri l-ewwel, li jirregola s-sewqan tiegħu skond iċ-ċirkustanzi kollha tal-inħawi fejn ikun (magħduda magħhom il-konfigurazzjoni tat-triq, il-ħin u l-kundizzjonijiet atmosferiċi), u t-tieni, li jżomm attenzjoni ("*proper look out*") dwar dak li jkun qiegħed iseħħ fil-qrib jew huwa mistenni li jseħħ minnufih[24];

Illi, min-naħa l-oħra, lil hinn mis-sewwieq, dawk li juzaw it-triq (il-passanti) ukoll jridu jħarsu regola ewlenija, dik li jużaw it-triq b'mod tajjeb, b'mod partikolari meta jkunu qegħdin jaqsmu triq li minnha mistenni li jimxi t-traffiku[25];

---

[20] Ara x-xhieda ta' Joseph Schembri f'paġġ. 149 – 151 tal-proċess
[21] Ara Dok. "JF8" f'paġġ. 169 – 171 tal-proċess
[22] Paġ. 58 tal-proċess
[23] Paġġ. 74 – 9 tal-proċess
[24] Ara per eżempju, P.A. RCP **26.4.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Formosa & Camilleri Ltd et noe vs Joseph Camenżuli*** (mhix appellata) ; u P.A. PS **21.10.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Stefan Bonello vs Carmelo Abela*** (mhix appellata), fost oħrajn
[25] Art. 13 *Highway Code*

Illi bħala regola, meta persuna tagħżel li taqsam it-triq, tieħu fuqha r-responsabbilta' tal-għemil tagħha. Fil-każ fejn persuna qegħda taqsam it-triq, ma għandha teżisti l-ebda preżunzjoni li l-ħtija hija dejjem tas-sewwieq li jtajjarha jew li min qed jaqsam dejjem għandu raġun[26]. Dan jingħad ilgħaliex id-determinazzjoni tar-responsabbilta' għal inċident fejn persuna tintlaqat hija u taqsam it-triq tiddependi wkoll mill-mod kif dik il-persuna ġġib ruħha. Din ir-responsabbilta' fuq il-passant, madankollu, ma teħlisx lis-sewwieqa mill-obbligu doppju li jissemma aktar qabel, jiġifieri li jkunu jafu x'qiegħed jiġri fl-inħawi li minnu jkunu qegħdin isuqu u li jżommu kontroll tajjeb tal-karozza li tkun taħt il-kontroll tagħhom. Kemm hu hekk, il-persuna li tkun qegħda taqsam it-triq għandha l-jedd li tippretendi li s-sewwieqa jkunu għaqlin u diliġenti biżżejjed biex ma jtajruhiex hi u taqsam, u sewwieq li jkun naqas minn xi wieħed miż-żewġ dmirijiet ewlenin fuq imsemmija u li jkun b'hekk qiegħed lilu nnifsu f'qagħda li ma setax jevita li jtajjar lill-persuna li qegħda taqsam, għandu jerfa' l-ħtija ta' dak in-nuqqas[27];

Illi huwa llum stabilit li s-sewwieq f'każ ta' inċident fejn tittajjar persuna huwa meħlus biss mill-ħtija fejn joħroġ li l-persuna li qasmet it-triq tkun għamlet hekk għall-għarrieda, jew qasmet minn post li bniedem mhux maħsub li jaqsam minnu[28], jew tkun ġabet ruħha b'mod li poġġiet lis-sewwieq f'qagħda li, wkoll kieku uża l-għaqal u d-diliġenza kollha waqt li qiegħed isuq, ma kienx f'qagħda li jevita li jtajjar lil dik il-persuna[29];

Illi huwa stabilit ukoll li sewwieq li jkun qorob lejn *pedestrian crossing* għandu d-dmir doppju li jnaqqas il-ħeffa li jkun qiegħed isuq biha u li jżomm attenzjoni ta' dak kollu li jkun qiegħed iseħħ quddiemu u madwaru, b'mod li jara hemmx nies li juru l-fehma li sejrin jaqsmu jew jekk hemmx nies li diġa' jkunu bdew jaqsmu u jilħaq iwaqqaf fil-ħin[30]. B'żieda ma' dan, fejn il-post minn fejn qegħda taqsam persuna huwa *pedestrian crossing* u fejn ukoll dak il-post huwa mħares b'sistema ta' dwal maħsuba li jiggwidaw lil min qiegħed jaqsam u lil min qiegħed isuq, tiġi waħedha kwestjoni ta' ħarsien ta' regolamenti tas-sewqan li kull waħda mill-partijiet tirregola ruħha skond ma tindikalha s-senjaletika;

Illi issa, fil-każ preżenti, ħareġ nuqqas ta' qbil mill-qiegħ bejn il-verżjoni tal-attriċi u dik tal-imħarrka. Tal-ewwel tgħid li qasmet meta d-dawl (għall-passanti) kien aħdar; min-naħa tagħha, l-imħarrka tisħaq li meta għaddiet minn fuq il-*pedestrian crossing* id-dawl (għas-sewwieqa) kien aħdar u li l-attriċi lanqas biss qasmet minn fuq l-istrixxa, iżda lil hinn minnha;

---

[26] P.A. PS **27.6.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Mary Żarb et vs Mauro Overend***
[27] P.A.GV **12.7.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Saviour Sammut et vs Robert Demanuele***
[28] P.A.GCD **17.6.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Sciberras vs Gilbert Caruana***
[29] P.A.GV **28.5.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Urpani vs Giaċinto Bartolo***
[30] App.Krim. Inf. VDG **6.1.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Pulizija vs Manuel Spiteri***

Illi, minn eżami tal-atti tal-kawża jidher ċar li, fil-parti tat-triq mnejn kienet qiegħda taqsam l-attriċi, it-triq hija dritta u tagħti viżwali mill-bogħod kemm lis-sewwieqa u kif ukoll lil min ikun irid jaqsam it-triq. Hija wkoll waħda mill-aktar tratti ta' toroq f'Malta li minnha jgħaddi traffiku u li hija magħrufa minn kulħadd;

Illi minbarra dan, il-Qorti ssib xieraq li tinnota li mill-provi mressqa, jirriżulta li għalkemm il-kawża infetħet mill-attriċi kontra l-imħarrka, fil-fatt is-sewwieq tal-karozza tal-linja kellu parti kbira x'jilgħab f'dak li seta' ġara. Dan għaliex il-partijiet kif ukoll tnejn mit-tliet xhieda li raw l-inċident jiġri, ilkoll jagħmlu referenza għal dak li s-sewwieq tax-xarabank għamel jew seta' għamel ftit sekondi qabel ma seħħ l-inċident. Min-naħa l-oħra, ma jonqosx li l-verżjonijiet tal-partijiet f'dan ir-rigward huma għal kollox kunfliġġenti: min-naħa l-waħda, filwaqt li l-attriċi tgħid li x-xufier tal-linja waqaf mad-dwal tat-traffiku u għamlilha sinjal biex tgħaddi, il-kuġina tagħha li kienet magħha[31], qalet li x-xufier għamlilhom sinjal biex jieqfu. Fi kliemha, hi waqfet, filwaqt li l-attriċi li kienet miexja qabilha baqgħet sejra[32]. Min-naħa l-oħra, Charles Xerri jgħid li x-xufier "qalilhom biex jaqsmu"[33], u l-imħarrka tgħid li l-karozza tal-linja kienet wieqfa fuq il-*bus stop* fejn il-loġoġ u l-attriċi għaddiet minn quddiemha[34];

Illi l-Qorti tqis ukoll li (i) dak il-ħin tal-inċident kien hemm traffiku mexxej fi Triq Sant' Anna għall-ħruġ mill-Furjana; (ii) kien jum bla maltemp u t-triq ma kinetx imxarrba u lanqas kien hemm żlieq fit-triq; (iii) il-karozza misjuqa mill-imħarrka kienet fuq il-karreġġjata ta' barra man-naħa tas-*central strip* li tifred Triq Sant' Anna, filwaqt li l-karozza tal-linja kienet qed issuq man-naħa tal-bankina fejn hemm il-loġoġ[35]; (iv) il-karozza tal-linja ma ġarrbet ebda ħsara b'riżultat ta' l-inċident, filwaqt li l-karozza misjuqa mill-imħarrka ġarrbet ħsara fil-*windscreen* tagħha;

Illi għar-rigward tal-**kwestjoni tal-apprezzament tal-provi**, huwa prinċipju stabilit fil-qasam tal-inċidenti tat-triq li, fejn il-verżjonijiet tal-partijiet f'kawża jkunu tali li ma jaqblu f'xejn jew inkella b'mod estensiv, il-Qorti triq tqis liema waħda minn tali verżjonijiet hija l-aktar waħda attendibbli u toqgħod magħha. Huwa biss fejn il-Qorti ma tkunx tista' tasal għal konvinċiment partikolari favur verżjoni l-waħda jew l-oħra li, bħala regola, għandha tqis li ż-żewġ partijiet jaħtu ndaqs għall-inċident li jkun[36]. Min-naħa l-oħra, jekk kemm-il darba ż-żewġ verżjonijiet ikunu tali li jistgħu jitqiesu plawsibbli u ta' min joqgħod fuqhom mingħajr ma tkun tispikka xi ċirkostanza oħra dominanti li tikkonvinċi

---

[31] Affidavit tal-attriċi paġ. 61 tal-proċess
[32] Ara x-xhieda ta' Martina Aġius f'paġ. 83 tal-proċess
[33] Ara x-xhieda ta' Charles Scerri f'paġ. 174 tal-proċess
[34] Ara l-affidavit tal-imħarrka f'paġ. 160 tal-proċess
[35] Ara skizz tal-Pulizija f'paġ. 10 tal-proċess
[36] App. Ċiv. **20.1.1964** fil-kawża fl-ismijiet ***Galdes vs Micallef*** (Kollez. Vol: **XLVIII.i.59**); u App. Inf. **22.11.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Elmo Insurance Agency Limited noe et vs Carmel Vella Clark***

l-fehma tal-Qorti lejn naħa jew l-oħra, hemmhekk il-Qorti tkun trid iddur lejn ir-regola li min jallega jrid jipprova u, jekk kemm-il darba dik il-prova ma tinġabx, il-Qorti jkollha tqis li l-parti attriċi tkun naqset milli twettaq il-parti probatorja tagħha kif meħtieġ u kif mistenni li jsir[37];

Illi fil-każ tal-lum, il-Qorti jidhrilha li għandha provi u elementi biżżejjed biex tagħraf tislet xejra ta' ġrajjiet li m'għandhomx ifixkluha milli tasal għall-fehma tagħha;

Illi l-Qorti trid tifli l-verżjonjiet mogħtija mill-partijiet fid-dawl tax-xhieda barranin għall-partijiet li tressqu quddiemha. Fil-każ tal-imħarrka, il-verżjoni li tat kemm fl-istqarrija lill-Pulizija dakinhar tal-inċident kif ukoll fl-affidavit tagħha hija li l-attriċi qasmet minn quddiem karozza tal-linja fuq dawl aħdar lil hemm mid-dwal tat-traffiku[38], jiġifieri l-attriċi qasmet mhux fuq iż-*zebra crossing*. Din ix-xhieda hi korroborata minn dik ta' Carmel Xerri fejn jgħid li "*t-tifla (l-attriċi) qasmet eżatt minn Triq il-Miratur*". Filwaqt li fl-istqarrija li ta lill-Pulizija jgħid li ma jafx x'kulur kienu id-dwal, quddiem il-Qorti Carmel Xerri jgħid li "*kienet waqfet karozza ta' l-Arriva li ma kienx id-dawl li suppost jaqsmu*"[39];

Illi fil-każ tal-attriċi, il-verzjoni tagħha kienet li marret biex taqsam minn ħdejn id-dwal tat-traffiku wara li xtrat *card* tal-*mobile*. Li l-*mobile* kien f'idejha iżda ma kinetx qed tużah. Li d-dawl tat-traffiku kien aħdar għaliha u qasmet wara li x-xufier tal-linja għamlilha sinjal li tista' tagħmel dan[40]. Din il-verżjoni hi korroborata minn dik ta' kuġintha, bid-differenza li Martina Aġius tgħid li x-xufier għamlilhom sinjal biex ma jaqsmux u meta sejħet lill-attriċi din ma semgħethiex. Tgħid ukoll li meta nqaleb id-dawl għal dak ta' lewn aħdar kienet baxxuta iżda ndunat li nqeleb id-dawl mill-ħoss li d-dawl tat-traffiku għamel[41];

Illi fil-fehma tal-Qorti l-punti kruċjali biex jitqies min kien jaħti għall-inċident huma tnejn. Fl-ewwel lok, jekk fil-ħin tal-istess inċident, id-dawl tas-sinjal tat-traffiku kienx tal-lewn aħdar jew aħmar, kif ukoll jekk l-attriċi qasmitx minn fuq iz-*zebra crossing* jew lil hemm minnha. Iż-żewġ verżjonjiet tal-partijiet jikkontrastaw bis-sħiħ f'dan ir-rigward. Fi kliem ieħor, din hija kwestjoni ta' min, miż-żewġ partijiet involuti, għandu jitwemmen;

Illi l-Qorti qiegħda tasal għal fehma li għandha temmen lill-imħarrka. Dan qiegħed jingħad fid-dawl ta' bosta mir-riżultanzi li ssemmew aktar qabel, b'mod partikolari għal fatt li l-verżjoni tagħha kienet konsistenti u li kienet

---

[37] App. Ċiv. **5.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Lawrence Caruana vs Anthony Falzon***
[38] Ara Dok. "RP1" f'paġ. 115 tal-proċess u Dok. "JF" f'paġ. 160 tal-proċess
[39] Ara x-xhieda ta' Charles Xerri f'paġġ. 174-175 tal-proċess. Ara wkoll Dok. "RP1" f'paġ. 117 tal-proċess
[40] Ara Dok. "RP1" f'paġ. 119 tal-proċess u l-affidavit tagħha f'paġ. 61 tal-proċess
[41] Ara x-xhieda ta' Martina Aġius f'paġġ. 83-86 tal-proċess

korroborata minn xhud għal kollox indipendenti mill-partijiet. Ma' dawn il-Qorti żżid tosserva li mir-ritratti murija[42], Triq il-Miratur tiġi lil hinn mis-sinjali tat-traffiku, aktar lejn id-direzzjoni ta' Bieb il-Bombi, u għaldaqstant tqis li l-attriċi fil-fatt ma qasmitx minn fuq iż-*zebra crossing* meta ttajret mill-karozza misjuqa mill-imħarrka. Tqis ukoll li l-kostatazzjonijiet tal-Qorti tal-Magistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali jafu jsaħħu din il-fehma tal-Qorti, minkejja li, bħalma huwa magħruf (u kif sewwa tissottometti l-attriċi fin-Nota tagħha), il-grad ta' prova mistenni fi proċediment ta' natura kriminali huwa aktar iebes mill-grad ta' prova mistenni fi proċediment ta' xejra ċivili. Madankollu, il-fatt li dik il-Qorti ħelset lill-imħarrka mix-xilja ta' sewqan perikoluż jew traskurat jaqblu mal-provi li tressqu fl-atti ta' din il-kawża u li minnhom ħareġ li l-imħarrka kienet qiegħda ssuq b'mod regolari u bla ma naqset milli tħares id-dmirijiet tagħha bħala sewwieqa. Din il-Qorti żżid tgħid ukoll li l-fatt li l-attriċi xirfet minn wara x-xarabank meta ma kinitx miexja fuq l-istrixxa pedonali jkompli jżid l-element tal-imprevedibilita' tal-mod kif l-attriċi qasmet u l-emerġenza li ħalqet lill-imħarrka;

Illi l-Qorti tara li, minn kif joħorġu l-fatti mill-provi u x-xhieda mressqa, l-attriċi qiegħdet lilha nnifisha f'pożizzjoni li fiha l-imħarrka sabet ma' wiċċha sitwazzjoni li ma setgħetx tevita. Issa huwa magħruf li biex tkun tiswa d-difiża tal-forza maġġuri f'aċċident, ma jridx ikun hemm xi sehem, pożittiv jew negattiv (fis-sens ta' omissjoni jew nuqqas) tal-bniedem[43]. Minbarra dan, huwa mgħallem ukoll li biex ikun hemm il-każ fortuwitu mhux biżżejjed li jkun hemm ġrajja mhux tas-soltu, sproporzjonata, u li tiġri mill-forzi tan-natura, imma jeħtieġ li tkun inevitabbli, b'mod li ma tistax tigi evitata bid-diliġenza ordinarja tal-*bonus pater familias*"[44]. "*Inevitable accident is where a person, in doing an act which he lawfully may do, causes damage without either negligence or intention on his part*"[45]. Għaldaqstant, id-difiża tal-aċċident inevitabbli ma tistax titqajjem b'suċċess jekk kemm-il darba tirriżulta negliġenza min-naħa ta' min jinvokaha[46], minbarra li difiża bħal din tqiegħed il-piż tal-prova tagħha fuq l-istess eċċipjent;

Illi mill-provi mressqa l-imħarrka seħħilha turi li hija ma kinitx qiegħda ssuq b'mod traskurat. Lanqas ma setgħet tikkontrolla dak li x-xufier tax-xarabank kien fettillu jagħmel (kemm jekk wieħed jemmen lill-attriċi u kif ukoll jekk jemmen lil kuġintha). Għalhekk, fil-każ tal-lum, jirriżulta li n-ness tal-ħtija li tabilfors irid ikun ippruvat bejn il-fatt magħmul u l-ħsara mġarrba jinqata' sewwasew bl-imġiba kontributorja tal-attriċi;

---

[42] Ara Dok. "JF1" u Dok. "JF7 " f'paġġ. 162 u 168 tal-proċess
[43] App. Ċiv. **5.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Elmo Insurance vs Joseph Micallef et***
[44] P.A. **7.2.1953** fil-kawża fl-ismijiet ***Micallef vs Belle McCance noe*** (Kollez. Vol: **XXXVII.ii.636**)
[45] Charlesworth Law of Negligence (2nd. Edit) pġ. 509
[46] App. Ċiv. **16.1.1984** fil-kawża fl-ismijiet ***Nażżareno Apap pro et noe vs Francis Degiorgio et*** (mhix pubblikata)

Illi għalhekk il-Qorti qiegħda ssib li l-ħtija tal-inċident kienet biss tal-attriċi, u filwaqt li sejra tilqa' it-tieni eċċezzjoni tal-imħarrka, sejra tiċħad l-ewwel talba attriċi;

Illi ladarba it-tieni u t-tielet talbiet attriċi jsegwu l-ewwel talba, il-Qorti wkoll sejra tiċħadhom u mhuwiex il-każ li tistħarreġ l-aspetti tal-likwidazzjoni tad-danni pretiżi;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tiċħad l-ewwel talba attriċi** bħala mhix mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;

**Tiċħad it-tieni u t-tielet talbiet attriċi**, billi dawn huma konsegwenzjali għall-ewwel talba; u

**Tordna** li l-attriċi tħallas l-**ispejjeż tal-kawża**.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**12 ta' Diċembru, 2017**

**Geraldine Rickard**
**Deputat Registratur**

**12 ta' Diċembru, 2017**